MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 807/2008

**John Mary Camilleri (karta tal-identita' numru 277548M)**

**vs**

**L-Awtorita' dwar it-Trasport Ta' Malta u b'digriet tas-17 ta' Novembru 2009 gew kjamati fil-kawza Alexia Cross u Ray Auto Dealer u b'digriet datat 21 ta' Awwissu 2012 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju b'dan li giet inserita s-socjeta' Ray Auto Dealer Limited ezercitanti l-kummerc f'isem id-ditta Ray Auto Dealer.**

**Il-Qorti,**

**I. <u>PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' John Mary Camilleri (karta tal-identita' 277548M) datat 7 ta' Awwissu 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi l-attur huwa sid tal-vetturi Peugeot 306 numru tar-registrazzjoni LET-306 u Daihatsu Charade numru tar-registrazzjoni KAF-525. (Dok 'A' u 'B').

Illi f'Marzu 2007 waqt li l-vettura Daihatsu Charade numru tar-registrazzjoni KAF-525 kienet f'idejn Alexia Cross, il-konvenut awtorizza l-hrug ta' *log book* iehor ghall-istess vettura, u din il-vettura giet registrata f'isem il-protestata Alexia Cross.

Illi f'April 2007 waqt li l-vettura Peugeot 306 numru tar-registrazzjoni LET-306 kienet f'idejn Alexia Cross, il-konvenut awtorizza l-hrug ta' *log book* iehor ghall-istess vettura li juri li din il-vettura giet registrata f'isem terzi.

Illi l-proceduri kollha li saru biex jinhargu z-zewg *log books* godda u biex l-vetturi jigu registrati f'isem terzi saru kollha *ad insaputa* u minghajr il-kunsens u firem tal-attur li ghandu u dejjem kellu fil-pussess tieghu l-log books originali ta' l-istess zewg vetturi.

Illi ghalhekk kwalunkwe proceduri u dokumenti li gew processati mill-konvenut Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, huma nulli u bla effett ghaliex dawn saru b'qerq u frodi.

Illi l-konvenut naqas li juza d-diligenza rikjesta fil-qadi ta' dmirijietu u b'kawza ta' negligenza grossolana huwa ppermetta illi jinhargu zewg *log books* ohra ghall-vetturi KAF-525 u LET-306 f'isem terzi meta l-*log books* tal-istess vetturi kienu u ghadhom fil-pussess tal-attur u kawza tal-agir traskurat u doluz tieghu l-konvenut ikkawza danni lill-attur.

Illi permezz ta' protest gudizzjarju (Dok 'E') prezentat mill-attur fil-25 ta' Mejju 2007, il-konvenut gie nterpellat biex:

(a) Biex immedjatament jerga' jregga lura kollox ghall-istat li kien qabel ma l-vetturi Peugeot 306 numru ta' registrazzjoni LET-306 u Daihatsu Charade numru ta' registrazzjoni KAF-525 gew registrati f'isem Raymond Zammit u Alexia Cross.

(b) Biex bl-ebda mod ma jeffettwaw xi trasferiment fuq il-vetturi Peugeot 306 numru tar-registrazzjoni LET-306 u Daihatsu Charade numru ta' registrazzjoni KAF-525 minghajr il-permess tal-attur li huwa s-sid tal-istess vetturi.

Illi fil-kontroprotest tieghu (Dok 'F') il-konvenut irrisponda li stante illi hemm proceduri kriminali fil-konfront ta' Alexia Cross rigwardanti t-trasferiment tal-vetturi bin-numri ta' registrazzjoni LET-306 u KAF-525 rispettivament, l-Awtorita' kienet qed izomm kwalunkwe trasferiment milli jsir fuq tali vetturi sakemm jkun hemm sentenza definittiva rigward id-dokumenti li kienu gew prezentati lill-konvenut. Inoltre l-konvenut iddikjara fl-istess kontroprotest illi qabel ma jkun hemm sentenza definittiva mill-Qorti Kriminali, hija ma tistax tiddeciedi minn rajha illi d-dokumenti pprezentati huma foloz u per konsegwenza ma tistax tregga lura kollox ghall-istat li kien qabel.

Illi fl-istqarrija ta' Alexia Cross li giet ezebita fil-proceduri kriminali kontra taghha hija tghid: "Dawn il-karozzi ma kienux fuq ismi. Nghid illi biex ghamilt dawn l-affarijiet, l-ewwel jiena kont nikri l-karozzi li jkunu minghajr K-plate. <u>Wara kont immur l-ADT biex niehu gurament falz</u>  li kien intilef il-log book. Nghid illi dawn l-affarijiet ghamilthom <u>ghand zewg persuni</u> bl-isem ta' Johann Debono u certu Christina....... u li approfittajt minnhom ghax kienu jafuni, minghajr ma tajthom ebda hlas. Kont inhallas biss *administration fees.* Meta kien ikolli l-log book f'idi jiena kont naghmel insurance tal-karozza fuq ismi u niffirma l-log book fil-parti tal-bejjiegh u x-xerrej. <u>Johann gieli ffirma bhala xhud. Minn hemmhekk kien johrogli l-log book fuq ismi......"</u> (Sottolinear tal-esponent DOK 'C'.

Illi fis-6 ta' Dicembru 2007, il-Qorti tal-Magistrati wara ammissjoni ta' Alexia Cross sabitha hatja ta' dawn l-akkuzi kif ukoll ta' akkuzi ohra. (Dok 'D').

Illi minkejja bosta korrispondenza skambjata bejn il-kontendenti, fosthom ukoll ittra tas-27 ta' Mejju 2008 mibghuta mill-konvenut fejn huwa qal lill-attur li kien ser jiehu l-passi necessarji a bazi tad-decizjoni tal-Qorti tal-

Magistrati tas-6 ta' Dicembru 2008 (Dok. "G" u "H"), il-konvenut baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess konvenut talab lill-Awtorita' ntimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi kwalunkwe dokument li gie processat mill-konvenut fil-konfront tal-vetturi tal-attur bin-numri LET-306 u KAF-525 u li saru minghajr il-kunsens u firma tal-istess attur huma nulli u bla effett stante li dawn saru b'ingann u frodi.

2. Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jikkancella kwalunkwe dokument li gie pprocessat u nhareg minghajr il-kunsens u firma tal-attur fil-konfront tal-vetturi tal-attur bin-numri LET-306 u KAF-525.

3. Tiddikjara illi bl-agir tieghu l-konvenut ikkaguna danni lill-attur likwidabbli f'gudizzju separat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri bonarji tat-23 ta' Mejju 2007, tal-25 ta' Gunju 2007, tad-29 ta' Ottubru 2007, tat-28 ta' Mejju 2008, tal-protest gudizzjarju tal-25 ta' Mejju 2005 u dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoniipprezentat kontestwalment mar-rikors guramentat kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit a fol. 4 sa 18 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta' Dicembru 2008.

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta datata 4 ta' Dicembru 2008 a fol 25 tal-process fejn ecceppiet:

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jeccepixxi li l-gudizzju mhux integru stante li mhux il-persuni kollha koncernati huma parti fil-kawza.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, l-esponenti mhux responsabbli ghal dak li gara stante li jekk kien hemm abbuz dan seta sar minn impjegat/i li agixxa jew agixxew b'mod irregolari minghajr il-kunsens ta' l-esponenti.

Salvi risposti/eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta flimkien mal-lista tax-xhieda a fol 26 u 27 tal-process.

Rat in-nota tal-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta datata 20 ta' Frar 2009 a fol 38 tal-process fejn permezz taghha esebiet kopja tal-*files* relattivi ghall-vetturi numru ta' registrazzjoni KAF-525 u LET-306 rispettivament immarkati bhala Dok. "ADT1" u Dok. "ADT2". Dawn id-dokumenti ossia *files* juru l-*history* tal-vetturi fuq imsemmija mid-data ta' registrazzjoni taghhom f'Malta sal-gurnata tallum.

Rat ir-rikors ta' John Mary Camilleri datat 20 ta' April 2009 a fol 159 tal-process fejn talab lil din il-Qorti tordna illi l-atti tal-kawza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikaturi Kriminali deciza fis-6 ta' Dicembru 2007 mill-Magistrat Antonio Mizzi jigu allegati ma' l-atti ta' din il-kawza; u l-Qorti b'digriet taghha datat 21 ta' April 2009 (fol 160) ordnat lir-rikorrenti sabiex jesebixxi kopja legali tal-istess atti minnha ndikati fi zmien ghoxrin (20) gurnata.

Rat li Alexia Cross giet debitament notifikata bil-procedura ta' affissjoni (a tergo fol. 207) u publikazzjoni (fol. 212 u fol. 216) u baqghet ma pprezentat l-ebda risposta guramentata fit-terminu lilha moghti u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-18 ta' Gunju 2009 fejn meta ssejjhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet. Il-Qorti rat ir-rikors tar-rikorrenti. Rat id-digriet tad-9 ta' Gunju 2009 u tvarja l-istess digriet fis-sens li tordna l-allegazzjoni tal-atti hemm indikati ma' l-atti ta' din il-kawza u ordnat lir-Registratur tal-Qorti li l-allegazzjoni

tal-atti effettivament issir. Xehed Brian Farrugia u l-kawza giet differita ghall-konkluzjoni provi attrici u cioe' x-xhieda tal-iskrivan tal-ADT Johann Debono u sabiex jigu ezebiti kopji tad-*driving license* u l-karta tal-identita' tal-attur. Fl-istess waqt Dr. Paul Gauci Maistre kellhu jirregola ruhu dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghas-17 ta' Novembru 2009.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta' Novembru 2009 a fol 184 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti rat ir-rikors tal-attur li ma giex oppost mill-kontro-parti, tant li fit-13 ta' Ottubru 2009 Dr. Ivan Gatt kiteb fuq ir-rikors 'ma nopponix' u ghalhekk il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-kjamat in kawza ta' Alexia Cross u ta' Raymond Zammit f'ismu propju u ghan-nom tad-ditta Ray Auto Dealer a spejjez provizorjament attrici u ordnat notifika tal-atti kollha lill-istess kjamat in kawza li jkollhom ghoxrin (20) gurnata sabiex jipprezentaw ir-risposta guramentata relattiva mid-data tan-notifika b'dan li l-istess digriet jigi notifikat ukoll lilhom. Dr Gauci Maistre pprezenta nota b'zewg dokumenti mmarkati Dok "PGM 1" u "PGM 2" b'kopja lid-difensuri tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni u okkorendo ghall-konkluzjoni provi attrici ghat-18 ta' Frar 2010.

Rat ir-rikors ta' John Mary Camilleri datat 14 ta' Ottubru 2009 a fol 189 tal-process fejn espona bir-rispett illi mix-xhieda ta' Brian Farrugia bhala rapprezentant ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta moghtija fis-seduta fit-18 ta' Gunju 2009 irrizulta illi nhargu wkoll zewg *log books* ohra fuq il-vetturi mertu ta' din il-kawza f'isem Alexia Cross ghal dak li jirrigwarda l-vettura KAF-525 u f'isem Ray Auto Dealer ghal dak li jirrigwarda l-vettura LET-306. Il-*log books* originali taz-zewg vetturi ghadhom f'isem u fil-pussess tal-attur. Illi l-konvenut ecepixxa illi l-gudizzju mhux integru *stante* illi mhux il-persuni kollha kkoncernati huma parti fil-kawza. Illi peress illi mix-xhieda fuq imsemmija jirrizulta illi hemm persuni li jistghu jigu effetwati mill-ezitu ta' din il-kawza, ikun opportun illi l-istess persuni kkoncernati jigu msejhin fil-kawza. Ghaldaqstant ir-rikorrent talab biex din il-Qorti tordna li

jigu msejha fil-kawza Alexia Cross u Ray Auto Dealer u dana *ai termini* tal-**artikolu 961 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat ir-risposta guramentata ta' Ray Auto Dealer Limited (C-9850) ezercenti l-kummerc b'isem id-ditta Ray Auto Dealer f'isem l-istess ditta Ray Auto Dealer datata 26 ta' Jannar 2010 a fol. 193 tal-process fejn Raymond Zammit (ID 250659M), fil-kwalita' tieghu ta' direttur, iddikjara li jaf personalment u espona:-

1. Illi preliminarjament jehtieg li ssir il-korrezzjoni fl-okkju billi d-ditta Ray Auto Dealer m'ghandhiex personalita' guridika u tappartjeni lis-socjeta' Ray Auto Dealer Limited.

2. Illi fil-mertu, fil-konfront tal-eccepjenti u tad-ditta Ray Auto Dealer propjeta' taghha, t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

3. Illi l-eccepjenti akkwistat il-vettura Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni LET-306 *in bona fide,* bi prezz u kundizzjonijiet gusti, u t-trasferiment taghha gie regolarment registrat favur l-eccipjenti mill-Awtorita' kompetenti l-intimata konvenuta Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta.

4. Illi konsegwentement m'hemmx raguni ghal x'hiex din il-Qorti ghandha tordna l-kancellament ta' xi dokumenti fl-ipprocessar u/jew ir-registrazzjoni tal-imsemmija vettura favur l-eccepjenti.

5. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju, l-eccepjenti ma kkagunat ebda danni lill-attur, anzi ghall-kuntrarju sofriet hi danni billi twaqqfet, ingustament u llegalment, milli tinnegozzja din il-vettura.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Ray Auto Dealer Limited (C-9850) flimkien mal-lista tax-xhieda fol 194 u 195 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta’ April 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Paul Gauci Maistre ghall-atturi prezenti u Brian Farrugia u Dr. Ivan Gatt ghall-Awtorita’. Xehed Johann Bonello u l-provi attrici gew iddikjarati maghluqa. L-Qorti ordnat li l-Awtorita’ konvenuta u tal-kjamat in kawza mhux kontumaci jipprezentaw l-affidavits taghhom fi zmien tletin (30) gurnata bin-notifika lid-difensuri tal-kontro-parti, u fil-kaz li jkun hemm bzonn ta’ kontro-ezami dan ghandu jsir fil-mori tad-differiment mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri. Il-kawza baqghet differita ghall-kontinwazzjoni u okkorendo ghall finali trattazzjoni ghall-21 ta’ Gunju 201.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri flimkien max-xhieda quddiemu prodotta.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta inkluz dak tat-13 ta’ Marzu 2012 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Ivan Gatt u Brian Farrugia ghall-Awtorita’ ntimata, Dr. Paul Gauci Maistre ghall-attur prezenti u Dr. Pawlu Lia ghall-kjamat in kawza. Id-difensuri nfurmaw il-Qorti li l-provi gew maghluqa. Id-difensuri ttrattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t’ostakolo ghat-2 ta’ Ottubru 2012.

Rat id-digriet taghha datat 21 ta’ Awissu 2012 fejn in vista tal-ewwel eccezzjoni tal-kjamata in kawza tordna li korrezzjoni fis-sens li qabel il-kliem “Ray Auto Dealer” jigu nkluzi l-kliem “Ray Auto Dealer Limited (C – 9850) ezercitanti l-kummerc f’isem id-ditta” b’dan li allura l-kjamata in kawza tigi taqra “Ray Auto Dealer Limited (C – 9850) ezercitanti l-kummerc f’isem id-ditta Ray Auto Dealer” (fol. 262).

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-attur bhala proprjatarju tal-vetturi Peugeot 306 Reg. No. LET – 306 u Daihatsu Charade Reg. No. KAF – 525 qed jaghmel din il-kawza ghaliex qed isostni li l-Awtorita' konvenuta b'mod negligenti harget *log book* gdid fuq l-istess vetturi lill Alexia Cross, meta din pprezentat ruhha bhala sid tal-istess vetturi, u ghalhekk giet indikata bhala sid tal-istess, u wara uzat l-istess *log books* sabiex trasferit karozza minnhom lill-Ray's Auto Dealer u l-ohra lill-certu Hubert tac-Chevron Auto Dealer u fil-fatt talli ghamlet dan hija gie anke akkuzata kriminalment, ammetiet l-akkuzi u allura giet misjuba hatja skond decizjoni tal-Qorti Kriminali kompetenti datata 6 ta' Dicembru 2007 (Dok. "D"), wara li kient ghamlet stqarrija datata 21 ta' Mejju 2007 (Dok. "C" – fol. 7) fejn spjegat kif aggixiet sabiex dawret l-istess karozzi fuqha.

Illi mill-provi jirrizulta li l-ewwel hija kriet l-istess vetturi li ma kienx K – *plate* minghand l-attur; mbaghad marret ghand ADT u hadhet gurament li kienet tilfet rispettiv tal-*log book* taghhom u ghamlitu quddiem zewgt impjegati tal-ADT, Johan Debono u certu Christina. Kif inhargu il-*log books* u inghataw lilha hija ghaddiet sabiex taghmel u tirregistra t-transfers tal-vetturi fuq l-istess *log book* billi hija ffalsifikat il-firma tal-attur bhala sid tal-istess vetturi u ffirmat hija bhala xerrejja tal-istess u b'hekk kien possibbli li jinhareg log book fuq isimha bhala sid. Dan sehh fil-11 ta' April 2007.

Illi wara dan hija trasferiet fit-12 ta' April 2007 il-vettura Peuguet 306 LET 306 lill Ray's Auto Dealer ghall prezz ta' Lm1,400 u d-Daihatsu Charade bieghta lill Hubert tac-Chevron Auto Dealer ghall prezz ta' Lm250.

Illi jidher li l-prassi li kienet dak iz-zmien taddotta l-Awtorita' konvenuta kienet li meta persuna tallega li tilfet il-*log book* ta' karozza, anke jekk mhux is-sid, kien biss jittiehed affidavit mill-persuna li taghmel tali allegazzjoni, li

ma tigix verifikata mis-sid, u jinhareg il-*log book* lill persuna li tallega li tilfet il-log book u tghid li dan kien fil-pussess taghha u b’hekk  jinghata lill din il-persuna f’dan il-kaz Alexia Cross.

Illi wara jirrizulta li fuq l-istess log Alexia Cross hekk fil-pussess tal-istess log books, iffirmat fil-11 ta’ April 2007 ghas-sid bhala bejjieh (l-attur) u dan billi falsifikat il-firma tal-attur u hija ffirmat bhala l-persuna li kienet ser takkista l-vettura u allura bhala xerreja (fol. 133) u wara trasferiet l-istess karozza lill Ray Auto Dealer (fol. 136) u jidher li dan gie accettat mill-Awtorita’ minghajr ma saru ebda verifiki ta’ xejn, la dwar il-firem u lanqas dwar jekk dawn jikkombaccjawx mal-firma tas-sid.

Illi fuq il-karozza l-ohra sar l-istess haga kif jidher mid-dokument a fol 76 tal-process, fejn Alexia Cross iddikjarat li kienet tilfet l-*log book* u wara ghamlet il-bejgh tal-vettura billi ffirmat ghall-attur (fol. 75) u jidher li dan sar ukoll bhal l-ewwel kaz  b’firma falza ta’ dak li kien indikat bhala xhud tal-firem. Mbaghad hija regghet iffirmat bhala sid sabiex trasferiet il-vettura (fol. 72) ghall fuq Shirley Zammit Cacciatolo, ghalkemm f’dan il-kaz it-transfer ma giex registrat mill-Awtorita’ konvenuta.

Illi jidher li dan kollu sar minghajr ma gew verifikati l-persuni li kienu qed jaghmlu tali dikjarazzjonijiet u lanqas gie ccekjat min kien effettivament is-sid tal-istess vetturi, u wkoll li l-firem kienu  verament tal-istess sid, b’dan li f’dan il-kaz jirrizulta li bhala mpjegat ta’ ADT kien hemm certu Johann Bonello. Fil-fatt jirrizulta minn tal-inqas li l-affidavit ta’ Alexia Cross ma kienx kontro-firmat, la intalbet karta tal-identita’ u ma kienx hemm verifiki ta’ min huwa s-sid registrat tal-istess vetturi, u jidher li l-prassi kienet f’dan is-sens anke mix-xhieda kemm ta’ Johann Bonello (12 ta’ April 2011 – fol, 231)   u anke ta’ Brian Farrugia (18 ta’ Gunju 2009 – fol. 160).
Illi minn dan kollu jirrizulta li t-talbiet attrici gew ippruvati ghaliex jidher li d-dokumenti sabiex jigu trasferiti l-vetturi lil-Alexia Cross kien falsifikati u dan sehh b’ingann u frodi perpetrati minn Alexia Cross, izda wkoll b’negligenza da parte tal-Awtorita’ konvenuta, li ma uzatx il-mezzi

disponibbli ghaliha sabiex tivverifika fl-ewwel lok ta' min kienet il-vettura, u wkoll sabiex tara li l-firem fuq id-dokumenti kien debitament awtentikati minn persuni kompetenti, u ghalhekk hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha fis-sens li kull dokument li gie processat mill-Awtorita' konvenuta kien effett ta' ingann u frodi prattikati minn Alexia Cross, li approfitat ruhha minn negligenza grossolana da parte tal-Awtorita' konvenuta, kemm minhabba n-nuqqasijiet tal-adetti taghha, u kif ukoll minhabba laxkezza serja f'dik li kienet dak iz-zmien il-procedura sabiex jinhareg *log book* gdid u wkoll sabiex tigi registrata registrazzjoni ta' vettura, (u dan konsistenti kemm fin-nuqqas li ssir verifika mas-sid tal-vettura qabel ma jinhareg *log book* gdid, kemm minhabba nuqqas ta' awtentikazzjoni tal-firem necessarji tal-persuni relattivi, kemm f'dak li huwa hrug ta' *log book* gdid, kif ukoll sabiex issir it-trasferiment tar-registrazzjoni tal-vettura), b'dan allura li kull registrazzjoni tal-istess vetturi minghajr il-kunsens u l-firma attwali ta' l-attur bhala sid tal-istess vettura qed tigi ddikjarata bhala nulla u effett.
Illi konsegwentement ghandha tintlaqa'  it-tieni talba b'dan li l-vetturi ghandhom jergu jigu registrati fuq l-attur, li kien u ghadu s-sid registrat tal-istess vetturi, u f'dan il-kuntest u bil-mod kif saru t-talbiet attrici l-istess Awtorita' konvenuta qed tigi ddikjarata responsabbli ghad-danni kkawzati lill-attur, salv kull dritt ta' rivalsa li l-istess Awtorita' konvenuta ghandha kontra Alexia Cross li prattikat l-ingann u l-frodi u d-dokumenti relattivi ta' trasferiment tal-istess vetturi.
Illi din id-decizjoni tolqot ukoll lill-Raymond Zammit fil-kwalita' tieghu premessa, u d-difiza tieghu li huwa akkwista wahda mill-vetturi in bouna fede ma tistax tevita li jintlaqghu t-talbiet attrici fil-konfont tal-Awtorita' konvenuta, u dan in kwantu l-azzjoni kifipprezentata qed tattaka mhux l-att ta' trasfiriment tal-vetturi, izda l-atti u d-dokumenti ta' registrazzjoni tal-istess vetturi, u in kwantu jirrizulta li tali dokumenti sabiex il-vetturi gew trasferiti lill-Alexia Cross, kienu rizultat ta' frodi u ingann, mela allura dan iwassal sabiex jigi ddikjarat null kull dokument hekk mittiefes, u kull dokument sussegwenti ghall-istess, ghaliex huwa effett minn frodi u allura l-istess registrazzjoni tat-trasferiment ta' tal-vetturi lill-Alexia Cross huma nulli u bla effett, u isegwi li kull dokument

konsegwenti ghall-istess huwa wkoll null u bla effett u dan in virtu tal-massima *"fraus omnia corrumpit".* Dan salv kull dritt ta' danni li Raymond Zammit fil-kwalita' tieghu premessa jew ahjar is-socjeta' kjamata fil-kawza jista' jkollu jew jkollha kontra l-istess Alexia Cross u anke possibilment kontra l-Awtorita' konvenuta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta guramentata tal-Awtorita' intimata datata 4 ta' Dicembru 2008, u tichad r-risposta guramentata tas-socjeta' kjamata in kawza Ray Auto Dealer Limited (C – 9850) ezercitanti l-kummerc f'isem id-ditta Ray Auto Dealer datata 2 ta' Frar 2010 dan biss fis-sens li l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, b'dan li izda tilqa' l-hames eccezzjoni fis-sens li l-istess socjeta' kjamata in kawza ma kkawzat ebda danni

lill-attur, u fil-kontumacja tal-kjamata fil-kawza l-ohra Alexia Cross, **tilqa' t-talbiet attrici** fil-konfront tal-Awtorita' konvenuta b'dan li:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi kwalunkwe dokument li gie pprocessat mill-Awtorita' konvenuta l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta fil-konfront tal-vetturi tal-attur bin-numri LET-306 u KAF-525 u li saru minghajr il-kunsens u firma tal-istess attur huma nulli u bla effett stante li dawn saru b'ingann u frodi.

2. Tordna lill-Awtorita' konvenuta l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' ghaxar (10) t'ijiem mid-data ta' din id-decizjoni tikkancella kwalunkwe dokument li gie pprocessat u nhareg minghajr il-kunsens u firma tal-attur fil-konfront tal-vetturi tal-attur bin-numri LET-306 u KAF-525.

3. Tiddikjara illi bl-agir taggha Awtorita' konvenuta l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta ikkagunat danni lill-attur likwidabbli f'gudizzju separat.

Bl-ispejjez kollha kontra l-Awtorita' konvenuta l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, u b'riserva ta' kull dritt ta' rivalsa li l-istess Awtorita' konvenuta jista' jkollha kontra Alexia Cross, u wkoll b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lis-socjeta' kjamata in kawza Ray Auto Dealer Limited (C – 9850) ezercitanti l-kummerc f'isem id-ditta Ray Auto Dealer" kontra l-istess Awtorita' intimata u l-imsemmija Alexia Cross.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------